KUNSILL LOKALI GHAJNSIELEM

# Rapport Annwali Amministrattiv u ta' Hidma

Jannar – Dicembru 2010

# Introduzzjoni

## Is-Sitt Legislatura (2008-2012)

It-tielet sena ta' Hidma tal-Kunsill Lokali Ghajnsielem fis-sitt legislatura kienet bejn Jannar u Dicembru 2010.

## Laqghat tal-Kunsill

Matul din is-sena 2010 saru 12 il-laqgha tal-Kunsill (numru 23 sa' numru 34) u l-attendenza kienet hekk:

| Kunsillier | Laqghat | Prezenti | Assenti |
|---|---|---|---|
| | | | |
| Francis Cauchi (Sindku) | 12 | 12 | - |
| Stephen Mercieca (Vici Sindku) | 12 | 12 | - |
| Joseph Camilleri Kunsillier) | 12 | 11 | 1 |
| Larry Buttigieg (Kunsillier) | 12 | 12 | - |
| Peter Caruana (Kunsillier) | 12 | 12 | - |
| Amanda Cauchi (Segretarju Ezekuttiv) | 12 | 12 | - |

# Xoghol ta' Manutenzjoni:

## Haddiema IPSL u CWS (Community Work Scheme)

Xoghlijiet importanti li saru madwar il-lokalita' taghna kien jinkludi f'programm ta' manutenzjoni fuq bazi regolari permezzi tal-haddiema tal-IPSL assenjati mal-Kunsill flimkien m' erba (4) haddiema mill-ETC taht l-iskema tax-xoghol fil-komunita', liema skema ibbenefikajna minnha tul is-sena 2010. Dawn ix-xoghlijiet kienu jinkludu zebgha tal-fanali, *railings, bankijiet,* flower pots u thawwil ta' fjuri u pjanti f'madwar 50 flower pots flimkien mat-tisqija 3 darbiet fil-gimgha fix-xhur tas-sajf. Sar xoghol fuq tindif ta' *culverts*, bdil ta' kapitelli, bini ta' hitan tas-sejjieh, manutenzjoni bil-cold asphalt fit-toroq u bankini kif mehtieg, tnehhija ta' trab fit-toroq kif ukoll qtugh ta' haxix.

## Road Markings

Il-Haddiema taht l-iskema CWS wettqghu x-xoghol ta' manutenzjoni fuq is-sinjali tat-traffiku madwar Ghajnsielem kollu. Bl-uzu ta' rizorsi ta' dawn il-haddiema l-Kunsill iffranka ammont konsidervoli ta' flus f'dan ir-rigward.

### Toroq

Il-Kunsill beda x-xoghol ta' tarmac u bdil ta' katusi ta' l-ilma fuq zewg toroq, f'parti min Triq Hamri u Triq Fawwara.

### Street Lighting

Matul is-sena nzamm numru ta' manutenzzjoni fuq id-dawl tat-Toroq kif ukoll twahhlu fanali godda fil-Pjazzetta 10 ta' Dicembru. Twahhlu lampi godda fejn kien mehtieg fil-lokalita'.

### Zamma u Manutenzjoni ta' Gonna Pubblici u Soft Areas

Taht ir-responsabilita' tad-Dipartiment ta' l-Agrikultura taht Projects and Devlopment Unit tkompla x-xoghol ta' zamma u manutenzjoni ta' gonna pubblici u *soft areas* flimkien ma' zbir ta' sigar u thawwil ta' sigar u pjanti.

### Playing Fields

Sar xoghol konsiderevoli fuq iz-zewg Playing Fields li ghandna fir-rahal li kien jikkonsisti fi bdil ta' tapiti godda u bdil u xiri iehor ta' apparat fejn kien necessarju li jinbidel dan l-apparat ghas-sigurta tat-tfal.

## Attivitajiet:

### Jum Ghajnsielem

Gieh Ghajnsielem 2010 inghata lis-Sinjura Maria Zerafa tal-gid kollu li wetqet f'hajjitha fil-qasam ta' volontarjat fir-rahal t'Ghajnsielem.

### Bethlehem f'Ghajnsielem

Il-Kunsill Lokali t'Ghajnsielem, bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari responsabli mill-Kunsilli Lokali u l-MTA orrganizza ghat-tielet sena konsekuttiva Bethlehem f'Ghajnsielem, fejn kien inawgurat nhar is-sibt, 4 ta' Dicembru, 2010. Dan il-progett, li x-xogholijiet fuqu jibda minn Settembru, isir b'kollaborazzjoni diretta mal-Fondazzjoni Bethlehem f'Ghajnsielem u ghaqdiet ohra fejn b'xoghol ta' volontarjat jittellgha dan ir-rahal ta' Bethlehem fil-post maghruf bhala ta' Passi. Il-progett dam miftuh ghal publiku sal-Hadd 2 ta' Jannar, u b'kollox attendew aktar minn 60,000 persuna. Fl-ahhar gurnata ta' din l-attivita, il-kunsill dahal ukoll f'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali tal-Mellieha, fejn grupp ta' nies miz-zewg irhula, flimkien mas-Slaten Magi telqu mill-Mellieha bil-mixi biex bdew it-triq ghal-Bethlehem f'Ghajnsielem. Kienet esperjenza li ntlaqet hafna mill-poplu kollu Malti u Ghawdxi. Taht din l-iskema l-Kunsill ibbenefika minn € 9,500 moghtija lilu mis-Segretarjat Parlamentari responsabili mill-Kunsilli Lokali u l-MTA.

Attivitajiet ohra li l-Kunsill organizza matul is-sena 2010 kienu; Ghajnsielem Fest, kompetizzjoni ta' l-Isnooker, serata f'gieh Miss Gozo ghal Miss Malta. Gew organizzati diversi attivitajiet ghat-tfal u zaghzagh, fosthom il-Kids Fair li giet imtella fil-Pjazza tad-Dehra f'Settembru fejn saret gabra b'risq l-Arka Respite Centre. F'novembru saret open day f'Bethlehem f'Ghajnsielem biex sar gbir ghal-Community Chest Fund.

### Qasam Socjali

Tul is-sena 2010 inzammet harga ghall-Anzjani fejn giet organizzata gurnata ta' divertiment u ikla x-Xlendi. Tul is-sena 2010, il-Kunsill organizza ukoll zjara ghat-Trade Fair bhas-snin l-imghoddija. Matul il-granet tal-Milied, saret zjara mill-Kunsill lill-anzjani li ma johorgux mid-dar.

## Gemellaggi

### Zjara f'Malta mil-Comune ta' Tolfa, fl-Italja

F'Ottubru 2010, is-Sindku u l-vici Sindku ta' Tolfa, flimkien ma grupp ta' 14 il-persuna ohra zaru ghal darba ohra l-lokalita taghna. L-ghan ta' din il-mawra kien biex jitkompla jiggedded il-gemellagg bejn Ghajnsielem u Tolfa. Fost attivitajiet li tellghu dan il-grupp min Tolfa, l-attivita principali kienet serata ta' rectar u kant fic-Cittadella, b'kollaborazzjoni ma l-ufficcju tal-kultura ghal-Ghawdex. Matul iz-zjara li l-grupp dam fostna, l-Kunsill ha hsieb ukoll biex jorganizza zjarat kulturali, kemm fil-gzira t' Ghawdex kif ukoll dik ta' Malta fejn il grupp kellu l-opportunita jzur postijiet maghrufa kif ukoll li jgawdi l-gmiel taz-zewg gzejjer.

Kienet esperjenza sabiha fejn bis-sahha ta' din iz-zjara komplejna nsahhu r-relazzjoni ta' hbiberija li hemm bejn il-lokal taghna u l-lokal ta' Tolfa.

## Edukazzjoni

Matul is-sena skolastika inzammu diversi laqghat mal-Kap ta' l-iskola fejn rajna kif nistghu nahdmu flimkien fil-qasam edukattiv, ambjent u dak sportiv kif ukoll li nkomplu nattrezzaw il-librerija b'aktar kotba.

## Sports

Il-Kunsill dejjem ghen u dahal f'kollaborazzjoni ma ghaqdiet ghal-attivitajiet sportivi ghat-tfal u zaghzagh tar-rahal. Il-hsieb huwa li l-Kunsill ikun aktar qrib it-tfal tar-rahal u jheggeg attivitajiet sportivi differenti fil-lokal apparti dak tal-football. Fil fatt l-Kunsill haseb biex jorganizza diversi attivitajiet sportivi bil-ghajnuna tas-Segretarjat ghall Kunsilli lokali u s-Segretarjat ghall-isport.

## Bini tac-Centru Civiku

Ghall-ahhar tas-sena 2009 beda x-xoghol ta' bini tac-Centru Civiku. Dan il-bini ser ikun jikkonsisti f'ufficcini tal-Amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali, Ghassa, Berga u Librerija. Il-post jinsab fic-centru tar-Rahal u ma gemb l-Iskola Primarja, il-Posta u l-Iskola ta' l-Arti. Il-bini tlesta matul is-sena 2010, u beda ukoll ix-xoghol ta' tikhil u tpoggih ta' madum. Tul is-sena 2011 ser ikompli x-xoghol ta' *finishing* u l-pjan huwa li dan ic-Centru Civiku ikun inawgurat ghal-ahhar tas-sena 2011.

## Progetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea

Il-Kunsill applika fuq tlett progetti tal-Unjoni Ewropea taht il-Progett Italia-Malta. Ir-risposti fuq dawn il-progetti ghandhom johrogu tul is-sena 2011.

## Skemi mhabbra mill-Gvern Centrali ghall-Kunsilli Lokali

### Skema *Energy Saving*

Il-Kunsill applika biex jinstalla sistema ta' Pannelli Fotovoltaici fuq l-Ufficini Amministrattivi tal-Kunsill tul is-sena 2009. Din l-applikazzjoni giet accettata mid-Dipartiment fejn gew allokati s-somma ta' €10,000. Tul is-sena 2010 dan il-panelli gew installati fuq l-ufficini tal-Kunsill. Dan sar sabiex jitnaqqas il-konsum ta' l-elettriku, jitnaqqsu l-emmissjonijiet, jigi ikkrejat spiza fissa fl-elettriku kif ukoll inkunu ta' ezempju ghar-residenti fl-uzu ta' l-energija alternattiva.

### Skema Accessibilita' Ahjar fil-Lokalitajiet

Sabiex is-sala tal-komunita' tkun accessibbli ghal-kulhadd fic-Centru Civiku l-gdid, il-Kunsilll ressaq proposta biex jigi nstallat *Lift* f'dan il-bini fis-sena 2009. L-ghanijiet ta' dan il-lift huma sabiex persuni b' dizabilita' ikunu inkluzi fis-socjeta' kif ukoll ikun hemm partecipazzjoni wiesa tal-komunita' fil-laqghat, seminars u attivitajiet ohra tal-Kunsill. Din il-proposta giet milqghuha u ser ninghataw is-somma ta' € 10,000. Dan il-lift huwa propost li jigi nstallat fis-sena 2011.

### Skema Inizjattivi ghall-Attivitajiet 2011 mis-Segretarjat tal-Kunsilli Lokali u l-MTA

Wara s-success ta' Bethlehem f'Ghajnsielem 2009-2010, il-Kunsill ressaq proposta biex ghal darba ohra jerga jtella' dan il-progett peress li dan sar jaghmel parti mill-kalendarju annwali tal-Kunsill fejn jidhlu Attivitajiet Kultural. L-applikazzjoniji giet approvata ghal fond taht din l-iskema u ser ninghataw is-somma ta' € 9, 500.

**Skema ghal-Lokalitajiet Sostenibbli**

Il-Kunsill applika taht din l-iskema biex isir rapport iddettaljat fejn juri kif il-lokalita tista' tkun sostenibbli. Din l-applikazzjoni giet accettata mis-Segretarjat responsabli mill-Kunsilli Lokali u nghatajna s-somma ta €20,000 biex jigi mhejji dan ir-rapport. Huwa pjanat li dan ir-rapport ikun lest tul is-sena 2011.

## Konkluzzjoni

It-tielet sena ta' hidma ta' din is-sitt legislatura kienet wahda impenjattiva u li tat sodisfazzjon tax-xoghol li twettaq. Minkejja l-problemi u r-restrizzjonijiet finanzjarji u amministrattivi, il-Kunsill ihoss li mexxa bl-ahjar mod biex wettaq il-hidma tieghu mill-aktar mod effettiv u efficjenti. Issa jmiss li nharsu l-quddiem ghas-snin li gejjin halli nkomplu ntejbu fuq dak li bdejna.

Grazzi mill-qalb lill Kunsill Lokali kollu u lill dawk kollha li b'xi mod jew iehor taw sehemhom biex kellna sena ohra ta' success li bil-hidma li wettaq il-Kunsill irnexxielna nzommu il-kwalita tal-hajja ahjar minn tas-sena ta' qabel. Fl-ahhar nett naghtu grazzi mil-qalb lill poplu Ghajnselmiz tal-koperazzjoni mill-aqwa li rnexxielu jzomm mal-Kunsill sabiex ikolna lokalita li nkunu kburin biha bhala wahda mill-ahjar lokalitajiet fil-gzejjer Maltin.

**Francis Cauchi**
**Sindku**

**Amanda Cauchi**
**Segretarju Ezekuttiv**

11 Dar Bernardina, Pjazza tadl-Dehra, Ghajnsielem. Gsm 1200
Tel. No. 21561515 Fax 21560909 E-mail: ghajnsielem.lc@gov.mt